**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 50**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi u kienet *streamed live*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Donnha Barbara – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Viċi Sindku Donnha Barbara talbet li tkun skużata.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji ppreżentati.

**Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill ngħata fondi li jammontaw għal € 36,500 għall-iSkema Milied 2022. Is-Sindku rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-impjegata Bernice Darmanin li ħadmu fuq l-applikazzjoni. Is-Sindku nfurma li l-impjegata l-ġdida Maria Cauchi qed tieħu nteress fl-orgranizzar tal-attivitajiet.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-attivita' Dawra f'Casal Curmi kienet suċċess. Il-Kunsillier Doris Zammit ikkonferma li din l-attivita' kienet suċċess, u xtaqet tagħmel promozzjoni tal-attivita', iżda ma kellix informazzjoni biżżejjed. Is-Sindku spjega li din l-attivita' ma kellix bżonn promozzjoni għaliex fl-ewwel jumejn ta' reklamar il-biljetti nħatfu.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li qed ikollu talba sabiex isir tindif fi triq magħrufa bħala Triq ta' Fuq il-Wied, wara xogħlijiet li kienu saru madwar tlett snin ilu, meta sar il-konkos tat-triq. Is-Sindku nfurma li ntalbet stima lill-kuntrattur tal-Kunsill, liema stima tammonta għal madwar € __________. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan it-tindif kellu jsir mill-kumpanija RockCut Ltd, li kienet il-kumpanija responsabbli mix-xogħlijiet tal-konkos f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-kumpanija daħħlet il-Kunsill Lokali l-Qorti sabiex jingħataw l-aħħar pagamenti, liema pagament jinsab miżmum mill-Managing Authority, għaliex jidher li din il-kumpanija ma ppreżentatx il-permessi ta' Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tieħu parir legali dwar din l-ispiża.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppreżenta stima ta' € 480 sabiex isir manutenzjoni ta' sprall ta' kantina privata fuq il-bankina ta' Triq San Bastjan. Is-Sindku nfurma li tkellem ma' sid il-propjeta' u dan ma jridx jagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Is-Sindku ppropona li ssir ħadida temporanja sabiex jitgħatta l-periklu. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li ssir il-manutenzjoni mill-Kunsill u tintbagħat ittra legali lis-sid sabiex iħallas tal-ispejjeż.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li qed ikun diffikultajiet fil-parkeġġ, fil-lokalita'. Il-membri qalu li dawn id-diffikultajiet jinsabu kullimkien u żgur mhiex fil-kontroll tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-toroq huma li huma u din il-problema qed tinħass aktar għaliex djar li kienu jakkomodaw familja waħda, qed jiġu konvertiti f'appartamenti li jakkomodaw bejn sitta u tminn familji.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-kuntratti mas-Sur Josef Cilia u Josef Aquilina jiġu mġedda għal sitt xhur oħra. Il-membri staqsew x'qed isir minn dawn iż-żewġ persuni u hemmx il-bżonn tas-servizz tagħhom.

Il-Kunsillier Marvin Zammit talab rapport ta' ħidma mingħand dawn iż-żewġ persuni qabel jiġi mġedded il-kuntratt.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li kellu proposta sabiex tiġi organizzata mixja għal Caritas qabel it-3 ta' Novembru.

Ġiet diskussa l-proposta għal mixja fl-okkażjoni ta' Movember u ġie maqbul li ssir mixja ta' 2km nhar l-20 ta' Novembru fid-9.30a.m. Ġie diskuss li jsir kuntatt ma' ROTA u l-Qormi Cycling Club sabiex jipparteċipaw f'din l-attivita'.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Ministru għat-Transport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali Dr Aaron Farrugia ddikjara li l-proġett tal-flyover ġie aboliet mill-Ministeru tiegħu. Il-Kunsill qabel li tinħareġ stqarrija u jintbagħat ringrazzjament lill-Ministru, li sema' l-karba tar-residenti Qriema.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li ssir konferenza dwar il-vjolenza domestika u talab lill-membri jaħdmu fuq ideat.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li bħalissa qed issir ħidma dwar l-attivitajiet tal-Milied f'Ħal Qormi. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-attivitajiet tal-Milied jingħataw bidu fid-9 ta' Diċembru permezz ta' daqq ta' għanjiet tal-Milied minn Brass Band lokali u wara jsegwi Party tal-Milied għat-tfal, fis-sala tal-Kunsill.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se tkun qed issir bike ride bis-sehem ta' Fr Christmas, nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru fid-9.30a.m., fejn se jinġabru donazzjoni għas-Sorijiet ta' Dar Sant'Angela ta' G'Mangia. Wara jsegwi l-Marċ tal-Milied.

Il-Kunsillier Carmel Cuschieri ppropona li l-Kunsill ikun rappreżentat waqt l-għotja, ġaladarba din l-attivita' se ssir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li ssir dawra bic-choo-choo train u l-baned joffru l-bandisti tfal sabiex idoqqu għanjiet tal-Milied, madwar it-toroq tal-lokalita'. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun qed jagħmel kuntatt mal-baned u f'każ li waħda mill-għaqdiet ma taċċettax li tipparteċipa, ma jsir xejn.

Il-Kunsillier Marvin Zammit talab li jkun skużat. Hu ħareġ mil-laqgħa fis-7.40p.m.

**Proposta għall-attivitajiet kulturali lir-Reġjun Kulturali 2023**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li r-Reġjun Nofsinhar qed jitlob li l-Kunsill jippreżenta xi attivitajiet kulturali għas-sena 2023, hekk kif ir-Reġjun Nofsinhar se jkun ir-Reġjun Kulturali 2023.

Il-Kunsillier Carmel Cuschieri ppropona li għas-sena d-dieħla l-Kunsill Lokali jagħti rikonoxximent lil dawk l-isportivi li għamlu ġieħ lil Ħal Qormi. Is-Sindku spjega li għalissa mhux qed issir diskussjoni dwar nomini ta' Ġieħ Ħal Qormi, iżda dwar attivitajiet kulturali.

Il-Kunsillier Ralph Puli talab li jkun skużat. Hu ħareġ mil-laqgħa fit-7.50p.m.

Is-Sindku ppropona li fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Qormi 2023 isir re-mastering tal-Innu ta' Ħal Qormi. Barra minhekk għandhom jintramaw it-toroq bil-pavaljuni u bandalori.

**Proposal ta' toroq għal resurfacing minn Infrastructure Malta**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mibgħuta minn Infrastruttura Malta fejn il-lokalita' ta' Ħal Qormi se tingħata 12,000 metru kwadru ta' toroq għar-resurfacing mill-istess awtorita'.

Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li jitressqu dawn it-toroq:

- Triq il-Vitorja
- Triq San Bastjan
- Triq il-Ġdida
- Triq iż-Żinżell
- Triq l-20 ta' Jannar
- Triq il-Ħelsien#

Il-membri ppropenew li ssir nota għall-installar ta' rainwater culverts.

**Innovativative Technology for Local Communities**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li l-Malta Digital Innovation Agency nehdiet skema għall-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsilli Lokali huma mħeġġa jippreżentaw proġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv ipproponiet lill-Kunsill li jsir proġett ta' 3D Virtual Tours ma' postijiet storiċi.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li qed ikollu bosta lmenti dwar bollard fi Triq San Pietru ma' Triq il-Kbira.

**Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta’ Ħlasijiet għax-xahar ta’ Ottubru 2022.

Il-Kunsillier Carmel Cuschieri ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli issekonda.

Il-Kunsill approva b’mod unanimu l-iskeda ta’ ħlasijiet.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 15 ta’ Novembru 2022** fis-6.30p.m.

Konfermati, illum 15 ta’ Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |